

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16566/25

LIMITE

TELECOM 466
CYBER 373

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Approvazzjoni mill-Kunsill tal-mudell ta' Riżorsi għall-Analiżi tar-Riskji Bbażata fuq il-Kuntest (COBRA) tal-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju u tal-impatt tas-sistemi tal-IA dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt (HUDERIA) mill-Kumitat tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (CAI) - Approvazzjoni ta' strument mhux vinkolanti

1. Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Kunsill tal-Ewropa adotta Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt¹. Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fil-5 ta' Settembru 2024. Il-Kapitolu V tal-Konvenzjoni jinkludi obbligu għall-Partijiet li jadottaw jew iżommu miżuri għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji maħluqa mis-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali billi jqisu l-impatti reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Minbarra l-elaborazzjoni tal-Konvenzjoni bħala strument vinkolanti, il-Kumitat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (CAI) tal-Kunsill tal-Ewropa ngħata l-kompitu li jiżviluppa metodoloġija mhux vinkolanti għall-Valutazzjoni tar-Riskju u tal-Impatt tas-Sistemi tal-IA mill-perspettiva tad-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt (il-metodoloġija HUDERIA), sabiex jappoġġa lill-Partijiet għall-Konvenzjoni fl-implimentazzjoni tal-obbligi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-impatt inklużi fil-Konvenzjoni.

¹ [CETS 225 - Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt \(coe.int\)](#)

2. Fl-14 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda diskussjonijiet dwar strument mhux vinkolanti dwar il-metodoloġija HUDERIA, li kellha tiġi żviluppata mill-CAI. Matul is-sessjoni AGRFISH tiegħu tal-15 ta' Lulju 2024, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati dwar dan l-istrument mhux vinkolanti.
3. Il-metodoloġija HUDERIA ġiet iffinalizzata u adottata mill-CAI fl-okkazzjoni tat-12-il laqgħa plenarja tiegħu mis-26 sat-28 ta' Novembru 2024. Sussegwentement, il-Kunsill, fis-sessjoni TTE (Enerġija) tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2024, awtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova, fisem l-Unjoni, l-adozzjoni tal-metodoloġija HUDERIA, kif tinsab fid-dokument WK 15653/24 ADD1.
4. F'dan l-istadju tal-adozzjoni tal-metodoloġija HUDERIA, ġie deċiż li jiġi ffinalizzat u adottat biss id-dokument ewlieni u li tiġi posposta għall-2025 il-ħidma fuq id-dokument li jiġbor elementi dettaljati differenti (eżempji ta' kwestjonarji, rieżami ta' użi potenzjalment problematiċi tal-IA, gwida metodoloġika dettaljata, eċċ.) li huma maħsuba biex jgħinu fl-implimentazzjoni konkreta tal-metodoloġija (il-"mudell HUDERIA"). Matul l-2025, il-Kummissjoni żammet lill-Grupp ta' Ħidma TELECOM infurmat dwar il-progress tal-ħidma fuq il-mudell HUDERIA, inkluż permezz tal-forniment ta' abbozzi ta' verżjonijiet tad-dokumenti korrispondenti. B'mod partikolari, verżjoni li kienet qrib dik finalment adottata mill-CAI ġiet ippreżentata u diskussa fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM fil-21 ta' Ottubru 2025.
5. Fil-5 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill permezz ta' nota ta' strument mhux vinkolanti² li l-verżjoni finali tal-mudell HUDERIA, ir-"Riżorsi COBRA", ġiet iffinalizzata u adottata mill-CAI fl-14-il laqgħa plenarja tiegħu bejn it-3 u l-5 ta' Novembru 2025 fi Strażburgu. Il-verżjoni finali tal-mudell HUDERIA (Riżorsi COBRA) tinsab fid-dokument ST 16537/25 ADD1. Fin-nota tal-istrument mhux vinkolanti, il-Kummissjoni kkonfermat li l-mudell iqis b'mod sodisfaċenti l-kummenti u l-kontribut ippreżentati mill-Kummissjoni fisem l-UE u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-adozzjoni tiegħu.

² Dok. 16537/25.

6. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM tal-11 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-verżjoni finali tal-mudell HUDERIA (Riżorsi COBRA). Id-delegazzjonijiet laqgħu din l-informazzjoni u ma indikaw l-ebda riżerva.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
- fis-sessjoni ECOFIN tiegħu tal-20 ta' Jannar 2026, jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Unjoni, l-adozzjoni tal-verżjoni definittiva tal-mudell HUDERIA (Riżorsi COBRA), kif tinsab fid-dokument ST 16537/25 ADD1.